

# Mudell ċar għal uliedi

## Dak li **tagħmel** jaqbel ma' dak li **tgħid**?

Mela isma' xi ġrali darba! Kont għaddej minn triq pjuttost kwieta, u f'daqqa waħda nisma' missier iċanfar lil ibnu għaliex qabdu jpejjep sigarett. Issa dan it-tifel kien taħt l-età. Probabbli li kien qed ipejjep mhux għall-gost imma biex jesperimenta kif ikun sigarrett!

Insomma, dan il-missier ħadha bi kbira ħafna u għamillu xenata sħiħa f'nofs ta' triq. Il-missier jgħajjat u dan il-ġuvnott jibki u jwiegħed lil missieru li ma kienx se jerġa' jaqbad sigarrett b'idu darba oħra! U kellu jwiegħed b'ċerta konvinzjoni u għal aktar minn darba li ma kienx se jmiss sigarrett ieħor b'idejh biex missieru fl-aħħar ħassu sodisfatt!

Jiena ħsibt li l-istorja kienet se tieqaf hawn, u kollox jerġa' għan-normal ... imma kemm kont żbaljat! Kif dan il-ġuvnott kien għadu qed jinġabar mill-ħasla li tah u x-xenata li kien għamillu missieru, dan sejjaħlu ħdejh u, wara li daħħal idejh fil-but, ħareġ karta ta' 10 ewro u, inkredibbilment, qallu, "Hawn, mur aqdini. Mur ixtrili pakkett sigarretti...."

Ma tistgħux timmaġinaw kemm stagħġibt meta rajt u smajt hekk! Kif jista' jkun li tipprova tagħti tagħlima lil xi ħadd – għax tridlu l-ġid – u mbagħad fl-istess sentenza int stess tagħmel il-kuntrarju?

Kif tista' tgħid lil uliedek biex jgħixu ħajja tajba ... imbagħad inti stess tgħix mod ieħor? Tista' tistenna li wliedek jgħixu ħajja tajba, jekk inti ma tagħtihomx eżempju tajjeb? U dan ma jgħoddx biss għall-ġenituri, imma għal kull adult.

Ftakar li llum ħadd ma jimpressjona lil ħadd bid-diskors sabiħ li jgħid imma bil-fatti! Li tgħix ħajja eżemplari jħalli ħafna aktar frott u jikkonvinċi ħafna aktar minn kwalunkwe kliem li nistgħu ngħidu lit-tfal tagħna.

Mela f'dak kollu li tagħmel u tgħallem lit-tfal tiegħek ġib quddiem għajnejk li l-ewwel u qabel kollox inti trid tkun mudell tajjeb ta' dak li qed tgħid u tgħallem. Inkella ftit se tħalli effett! F